DIPARTIMENT TAL-INFORMAZZJONI
*DEPARTMENT OF INFORMATION*
MALTA

# Press Release

**PR 200342** **28.02.2020**

**STQARRIJA MILL-UFFIĊĊJU TAL-ISPEAKER**

Il-Kumitat Permanenti dwar l-Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji ltaqa' fis-26 ta' Frar 2020. Din kienet l-ewwel laqgħa mmexxija miċ-Chairman Jean Claude Micallef, li nħatar f'din il-kariga fis-27 ta' Jannar ta' din is-sena. Il-membri preżenti għal din il-laqgħa kienu Edward Scicluna, il-Ministru għall-Finanzi u s-Servizzi Finanzjarji, Kristy Debono u Edwin Vassallo.

F'din il-laqgħa, il-Kumitat iddiskuta t-temi li għandu jittratta dan il-kumitat fix-xhur li ġejjin, u ntlaħaq qbil dwar l-ewwel erba' suġġetti li għandhom jiġu indirizzati. Fil-laqgħa li jmiss, il-Kumitat se jingħata rendikont tal-operat tal-Mekkaniżmu u tal-Faċilità għall-Istabilità Finanzjarja Ewropea. Din il-preżentazzjoni se ssir minn Alfred Camilleri, is-Segretarju Permanenti fil-Ministeru għall-Finanzi.

F'laqgħa oħra, ser tiġi diskussa l-istrateġija u l-miżuri ta' implimentazzjoni sabiex Malta jkollha rappreżentanza aktar b'saħħitha f'direttorati ġenerali tal-Kummisjoni Ewropea, b'mod partikolari dak tal-Budget.

It-tielet suġġett li l-Kumitat qabel li għandu jiġi indirizzat huwa r-rapport tal-evalwazzjoni fuq Malta maħruġ mill-Moneyval. Għal din id-diskussjoni se jiġu mistiedna uffiċjali minn dawk l-istituzzjonijiet u l-aġenziji li għandhom x'jaqsmu mal-ġlieda kontra l-kriminalità finanzjarja u ekonomika, sabiex iwieġbu l-mistoqsijiet tal-membri.

Ir-raba' tema li se tiġi indirizzata mill-Kumitat hija l-Ekonomija l-Ħadra, tema li tinsab fuq l-aġenda Ewropea u li għandha tkun ta' prijorità għal pajjiżna.

**Attachments: none** 

3, CASTILLE PLACE, VALLETTA VLT 2000 Tel +(356) 2200 1700
press.releases@gov.mt www.doi.gov.mt